MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2010

Numru. 66/2009

**Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Andrew Gatt ta' 37 sena, iben Carmenu u Dolora nee' Attard,
imwieled Rabat, nhar it-23 ta' Frar, 1972, residenti fil-fond numru 16, Triq ix-Xaghra, Marsalforn, Zebbug (Ghawdex), detentur
tal-karta tal-identita' numru 5972(G)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra 'l fuq imsemmi Andrew Gatt li gie akkuzat talli nhar id-19 ta' Awwissu, 2009 gewwa Marsalforn, Zebbug (Ghawdex), ghal habta ta' bejn l-erbgha u s-sitta ta' wara u nofs ta' wara nofsinhar (16:00 – 18:30hrs)

a) talli volontarjament ta n-nar lill-materjal, kien li kien (xewk), sew jekk kien maqlugha jew mahsud kemm jekk kien ghadu mqabbad ma’ l-art, basta li ma jkunux qeghdin b’mod li jistghu jqabbdu n-nar lil bini, gharix, jew lok iehor imsemmi fl-artikolu 316;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat 28 ta’ Awwissu, 2009;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija, il-fedina penali nadifa tal-imputat u l-fatt illi l-imputat iddispjacieh ghal dak illi ghamel u kif iddikjara huwa stess ma ried jikkaguna l-ebda hsara lil terzi;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikolu 319 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-piena ta’ sentejn prigunerija li fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9, dan il-perijodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum;

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul iz-zmien operattiv ta’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------